



# Aħbar Tajba

Ġona 3, 1-5.10
S 24 (25), 4bċ-5ab.6-7bċ.8-9
1 Kor 7, 29-31
Mk 1, 14-20

**"Indmu u emmnu**
fl-Evanġelju."

John ftiehem ma' sħabu biex fil-weekend imorru dawra bir-roti fil-kampanja, u hekk kif wasal is-Sibt, kmieni kmieni filgħodu, John iltaqa' ma' sħabu Robert, Isaac, Daniel u Eman. Kienet tidher li se tkun ġurnata sabiħa u kif waslu kollha, telqu minnufih. Ma' tantx damu biex ħarġu mir-raħal u, minħabba li ma kinux joqogħdu 'l bogħod mill-kampanja, f'kemm ilna ngħidu kienu għaddejjin minn bejn l-għelieqi. Minħabba li ftit jiem qabel kienet għamlet ix-xita, l-art kienet għadha ratba u r-roti malajr bdew jibdlu l-lewn tagħhom għal-kannella ħamrani. Imma tgħidx kemm kienu qed jieħdu gost! Imma ħin minnhom Eman ipprova jagħmel qabża ftit ogħla mis-soltu, u spiċċa waqa' u weġġa' ftit. Ipprova jqum, imma siequ bdiet tuġgħu wisq. U r-rota ta' quddiem kienet tgħawġet ukoll. Żgur li ma setax isuq lura! Qatgħuha li jħallu r-rota ma' ġenb, u Eman jitla' fuq ir-rota ta' Daniel li kien l-ikbar minnhom. Imma issa nduna li anqas seta' joqgħod fuq ir-rota bl-uġigħ!

Kieku inti x'kont tagħmel hekk kif tara lil sieħbek muġugħ? Naħseb taqblu miegħu li l-aħjar hu li ċċempel għall-għajnuna, hux hekk? Forsi tgħid lil xi ħadd mill-ġenituri, jew inkella lil xi ħadd mill-aħwa li hu ikbar. X'taħsbu li jagħmel meta dak li jkun jisma' li Eman weġġa'. Taħseb li jgħidlek: "Bħalissa ma nistax niġi, stennew ftit u kif nillesti dan li qed nagħmel niġi għalikom?" Le, hux hekk, imma anke jekk ikun qed jagħmel xi ħaġa importanti ħafna, jitlaq kollox biex jiġi għalikom.

Għalkemm fl-Evanġelju tal-lum ma niltaqgħux ma' emerġenza għax weġġa' xi ħadd, naqraw kif Ġesù, hekk kif ġie biex jibda l-missjoni tiegħu, beda biex isejjaħ xi nies biex jimxu warajh. Sejjaħ lil Pietru u lil Indri, u lil Ġwanni u 'l Ġakbu. Kollha kemm huma kellhom ħafna x'jagħmlu, għax kienu fuq ix-xogħol. Imma għall-kliem ta' Ġesù telqu kollox u marru warajh. Kienu għadhom ma jafuhx sew lil Ġesù, imma mall-ewwel indunaw li dak li kien se jagħmel kien importanti ħafna, u allura marru warajh biex jgħinu huma wkoll.

Illum Ġesù ma waqafx isejħilna. Għadu jgħaddi minn ħdejna biex nimxu warajh. Fil-jiem li ġejjin oqgħod attent li ma titlifx iċ-ċans li tkun miegħu. Ara li ssib ħin biex titlob kuljum, u fittex li tkun parti minn grupp li jqarrbek lejh, bħall-MUSEUM jew xi għaqda oħra tal-parroċċa.

# “Indmu u emmnu
fl-Evanġelju.”



## Is-Sagramenti

Kultant nieħdu l-impressjoni li s-sagramenti huma okkażjonijiet li jiġu f'ħajjitna imma li qishom jgħaddu. Qishom mumenti sbieħ. Ma nistgħux inkunu aktar żbaljati. Qabel ma' Ġesù tela' s-sema, lill-appostli tahom biċċa xogħol kbira, li jkomplu dak li kien beda hu. Imma ma jiqafx hemm, tafux. Ġesù jagħmel ukoll wegħda li jkun dejjem hemm għalihom, u llum din l-istess wegħda qed jagħmilha lilna. Is-sagramenti huma waħda mit-toroq li Ġesù jagħżel biex ikun magħna. Fis-sagramenti tal-Magħmudija u tal-Griżma tal-Isqof jagħtina l-Ispirtu s-Santu biex imexxina fit-triq it-tajba. Fil-Qrar jaċċetta l-indiema tagħna u jeħlisna mill-qawwa tad-dnub, filwaqt li fl-Ewkaristija jagħtina saħansitra lilu nnifsu.



Dawn huma s-sagramenti li ħafna minnha ġa rċevejna. Iżda hemm tliet sagramenti oħra. Iż-Żwieġ huwa l-għajnuna u l-barka li Alla jagħti lil tnejn li jinħabbu u jkunu jixtiequ jibdew familja flimkien. L-Ordni Sagri hu l-għajnuna li jagħti lil min jixtieq ikun ministru tiegħu, filwaqt li fl-aħħar nett insibu l-Griżma tal-Morda li hi għajnuna speċjali għal dawk li għaddejjin minn mumenti diffiċli ta' mard f'ħajjithom. Hekk Ġesú dejjem ikompli jżomm kelmtu li jiġri x'jiġri qiegħed dejjem magħna.

### Din il-Ġimgħa...

**Hemm xi ħadd fil-klassi li qed tinnota li qed ikun waħdu? Jew forsi s-soltu jkun qed jilgħab u issa ħafna drabi qed ikun maqtugħ għalih? Ipprova għinu billi l-ewwel nett ma tħallihx waħdu. Mur ħdejh u pprova ara x'għandu bżonn. Forsi tista' tistiednu jilgħab miegħek u sħabek jew inkella oqgħod ħdejh u kun lest li tisimgħu.**

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




### Promozzjoni

Issa tista' tirreklama fuq Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com


AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.